

32005D0774

L 291/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.11.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-3 ta' Novembru 2005****li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE dwar il-gruppi għall-ġbir ta' l-embrijuni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika***(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4195)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2005/774/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li tirregola l-kummerċ intra-Komunitarju fi, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi lista ta' gruppi approvati għall-ġbir ta' embrijuni f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni ta' bovini lejn il-Komunità ⁽²⁾ tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jimpurtaw embrijuni minn pajjiżi terzi biss jekk dawn ikunu nġabru, ġew ipproċessati u nħażnu mill-gruppi għall-ġbir ta' l-embrijuni inklużi fil-listi ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.
- (2) L-Istati Uniti ta' l-Amerika talbet li jsiru emendi għal din il-lista fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet għal dan il-pajjiż, partikolarment li jiddied grupp wieħed u jitneħħa ieħor.
- (3) L-Istati Uniti ta' l-Amerika pprovdew garanziji fir-rigward ta' l-konformità mar-regoli xierqa stabbiliti fid-Direttiva 89/556/KEE u l-grupp tal-ġbir ta' l-embrijuni involut ġie approvat uffijjalment għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterinarji ta' dak il-pajjiż.

(4) Id-Deċiżjoni Nru. 92/452/KEE għandha tiġi emendata kif jixraq.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-8 ta' Novembru 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2005/450/KE (ĠU L 158, 21.6.2005, p. 24).

ANNEX

Fl-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE, il-lista għall-Istati Uniti ta' l-Amerika hija emendata kif ġej:

(a) ir-ringiela għall-grupp tal-ġbir ta' l-embrijuni Nru 91NJ021 E503 hija mħassra:

"US		91NJ021 E503		Huff-N-Puff ET 221 Newbold's Corner Road Southampton, NJ	Dr William H. Pettitt"
-----	--	--------------	--	--	------------------------

(b) tizzied ir-ringiela li ġejja:

"US		05NC114 E705		Kingsmill Farm II 5914 Kemp Road Durham, NC 27703	Dr Samuel P. Galphin"
-----	--	--------------	--	---	-----------------------